

# Il-knisja tal-Lunzjata - Gudja

Fil-bidu tas-seklu sittax ġewwa l-Gudja kien hemm tliet knejjes żgħar li kienu ddedikati lill-Lunzjata.

Fil-post magħruf Ta' Dorbes kien hemm knisja qalb ir-raba viċin l-inħawi magħrufa bħala Ta' l-Għajn. Meta fl-1659 kienet ġiet ipprofonata il-pittura titulari kienet ġiet trasferita fil-Knisja Parrokkjali tal-Gudja.

Il-knisja l-oħra li fl-1575 kienet diġa qed tiffunzjona kienet aktar magħrufa bħala Tal-Misraħ. Din kienet imħatta meta ġiet biex tinbena l-Knisja Parrokkjali.

Il-Knisja tal-Lunzjata li nsibu llum fi Triq Santa Marija hija it-tielet waħda li kienet mibnija f'dan il-post. Din ġiet mibnija fl-1754 fi żmien meta prokuratur tagħha kien is-saċerdot Gudjan Dun Ġwann Barbara. Għal bini ta' din il-knisja dan il-qassis għamel tajjeb minn flusu kif ukoll minn ġbir ta' flus minn nies devoti ta' dan ir-raħal. Din il-Knisja kienet ġiet imbierka nhar is-6 t'April 1755 mill-kappillan tal-Gudja Dun Ġwann Pawl Balzan.

## Il-knisja minn barra

Fil-faċċata tal-knisja wieħed jista jinnota pilastri maħduma bl-ordni Doriku, filwaqt fuq il-bieb ewlieni naraw tieqa kbira ornamentali bi stil Barokk. Il-kampnar u l-opra–morta saru fl-1912 bid-disinn ta' Carlo Farrugia filwaqt li l-bennej kien Mastru Anġlu Dalli. Waħda mill-qniepen li nsibu fil-kampnar ta' din il-knisja hija magħmula minn Salvu Cauchi fl-1864. L-istatwi tal-ġebel li naraw fuq l-opra-morta (Sant Anna, San Ġwakkin) kif ukoll l-Arkanġlu Gabriel li naraw fil-kampnar huma xogħol ta' Antonio Zammit miż-Żurrieq.





## Il-Knisja minn ġewwa

Din il-knisja għandha binja forma ta' salib Grieg, disinjata bl-ordni arkitettoniku Doriku kemm barra kif ukoll ġewwa. L-istruttura hi mtella' fuq erba' pilastruni, li minnhom tiela' saqaf troll nofs tond minn fuq il-gwarniċun. F'kull kantuniera ta' kull pilastru telgħin il-lunetti li, fuqhom tistrieħ koppla li għandha anterna bi twieqi tawwalin li jipprovdu d-dawl naturali għal ġol-Knisja.

Il-proporzjonijiet arkitettoniċi tagħha huma tajbin ħafna, u għalkemm s'issa għad mhux magħruf min kien l-arkittet ta' din il-Knisja, u lanqas l-imgħallem tagħha, mingħajr dubju kienu ta' l-affari tagħhom, u d-dettalji huma magħmulin bir-reqqa kollha li titlob l-arti u s-sengħa tal-arkitettura.



L-artal ewlieni huwa tal-irħam magħmul fl-1873 u kienet ħallset għalih u kienet tieħu ħsieb għall-manutenzjoni tiegħu Angelika Asphar li kienet waħda mill-benefattriċi li kellha din il-knisja. Il-prospettiva ta' l-artal maġġur insibu dekorazzjoni b'disinji artistiċi b'żebgħa ta' l-ilma u li kienet tpittret mid-ditta Massa ta' Birkirkara. Din saret għall-bidu tas-seklu għoxrin. It-titular ta' din il-Knisja jirrappreżenta it-tħabbira lill-Madonna mill-Arkanġlu Gabriel. Din il-pittura li qiegħda f'gwarniċ skulturat tal-ġebel saret ġewwa Ruma fl-1871 mill-pittur Taljan Giovanni Gagliardi.

Fuq kull naħa ta' din il-Knisja insibu artal. Dak tal-lemin hemm fuqu niċċa bi statwa tal-injam tal-Madonna tar-Ružarju maħduma mill-iskultur Antonio Chircop. Fuq dan l-artal naraw ukoll pittura ovali tal-Qalb ta' Gesu` li jġib id-data 1770. Fuq in-naħa tax-xellug hemm l-artal l-ieħor li fuqu naraw niċċa bi statwa tal-kartapesta ta' San Ġużepp.

F'din il-Knisja nsibu wkoll żewġ pitturi ovali, kopji ta' skola franċiża tas-seklu XVIII; waħda tirrappreżenta t-twelid ta' Ġesu` Bambin, u l-oħra l-mewt ta' San Ġużepp. Insibu ukoll sett ta' inċiżjonijiet tal-Via Sagra maħdumin fl-1780 minn Leopardi u Lorenzo Bordi ta' Firenze.

Il-paviment huwa tal-madum, u fl-art hemm sitt lapidi t'oqbra li oriġinalment kienu fil-Knisja Parrokkjali tal-Gudja. Dawn il-lapidi inġiebu u tqegħdu f'din il-knisja fis-sena 1951.



Fis-sena 2006 bil-għajnuna tal-Ministeru ta' l-Infrastruttura, il-Ministeru tat-Turiżmu kif ukoll il-Bank of Valletta, sar restawr b'mod professjonali fuq barra ta' din il-knisja.

Kull sena il-festa tal-Lunzjata tkun iċċelebrata f'din il-Knisja nhar it-tieni Tnejn wara l-Ghid il-Kbir. Fis-sena 2008 il-festa sejra tkun iċċelebrata nhar il-31 ta' Marzu.